22 ta' Marzu, 1955

Imħallef:
Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Paolo Calleja *versus* Avukat Dr. John Anastasi et. ne.

## Kontijiet — Assoċjazzjoni — Likwidazzjoni

*Jekk tnejn minn nies ikunu għamlu diversi operazzjonijiet kummerċjali bejniethom, u qatt ma għamlu kontijiet relattivi għal xi waħda minnhom, dak li għandu, u jmissu, isir hu dak li jillikwidaw, jiġifieri jagħmlu l-kontijiet reċiproċi ta' l-operazzjonijiet kollha li ntrapprendew flimkien in assoċjazzjoni bejniethom, biex*

*jiġi stabbilit il-kreditu u debitu reċiproku u l-bilanċ favur wieħed jew l-ieħor, u mhux il-kontijiet ta' waħda biss minn dawk l-operazzjonijiet. U mhux konformi għall-ġustizzja li wieħed li jagħmel diversi operazzjonijiet in assoċjazzjoni ma' ieħor jitlob lil dak bilanċ favur tiegħu minn dik l-operazzjoni, u jinjora l-operazzjonijiet l-oħra li tagħhom ikun ħa ħsieb huwa, u li għalihom forsi l-ieħor kien ħareġ il-kapital okkorrenti, u jkun dana li jista' jirriżulta kreditur.*

Il-Qorti; Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-attur, wara li ppremetta illi huwa u l-konvenut Said xtraw, bi sħab flimkien, erbatax il-motor u trucks mill-irkant tal-Militar, bil-prezz ta' £1,400, li huwa ħallas "de proprio"; u li dawn il-motors u trucks ġew mill-konvenut mibjugħa f'Sirakuża; u li fil-preżenza tiegħu l-konvenut kien biegħ erbgħa minnhom bil-prezz ta' żewġ miljuni u nofs liri taljani, pari għal £1,470. 12. 0d., li l-konvenut Said inkassa minn għand il-kumpratur; talab illi l-istess konvenut Said jiġi kundannat jirrendi, fi żmien qasir u perentorju, kont ġust u fidil tal-operazzjoni tal-bejgħ tal-imsemmija motors; u f'nuqqas ta' eżekuzzjoni fiż-żmien li jiġi lilu mogħti; jiġi awtorizzat jagħmel hu l-istess kont, u l-istess konvenut jiġi kundannat jirrestitwixxi lill-attur is-somma ta' £1,400 fuq riferita u nofs l-ammont tal-profitti, jekk kien hemm, li jirriżultaw realizzati mill-istess operazzjoni, dovuti lilu (lill-attur) għal sehmu; bil-lukri legali u bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi jirriżulta li l-attur u l-imsemmi Francis Said, għal ċirka sentejn qabel ma l-istess Said siefer għall-Awstralja, għamlu operazzjonijiet kummerċjali in assoċjazzjoni bejniethom. Daqqa kien joħroġ il-kapitali okkorrenti wieħed, u daqqa kien joħrogħom l-ieħor;

Illi l-attur jallega, u hekk xehed, li kull operazzjoni kienet separata u distinta mill-oħrajn, u li l-ished tagħhom kien li jillikwidaw u jaqsmu l-profitti kif tispiċċa kull operazzjoni. Għall-kuntrarju, li-konvenut Said xehed illi kienu

jqiesu l-operazzjonijiet li kienu jagħmlu bħala magħmulin minn, u taħt, assoċjazzjoni waħda li kellhom bejniethom;

*Omissis;*

Illi l-premess jagħti l-impressjoni, biżżejjed qawwija, li l-kontendenti, jiġifieri l-attur u *l-imsemmi* Said, għamlu diversi operazzjonijiet kummerċjali *in* assoċjazzjoni bejniethom, u qatt ma għamlu *l-kontijiet* relattivi għal xi waħda minnhom; u kwindi dak *li għandu*, u jmissu, isir, hu dak li jillikwidaw, jiġifieri *jagħmlu* l-kontijiet reċiproċi tal-operazzjonijiet kollha li *intrapprendew* flimkien in assoċjazzjoni bejniethom, biex jiġi stabbilit il-kreditu u d-debitu reċiproku, u l-bilanċ favur wieħed jew l-ieħor, u mhux il-kontijiet ta' waħda biss mill-imsemmija operazzjonijiet, kif l-attur talab bl-odjerna istanza, billi dan talab ir-rendikont ta' operazzjoni singola, dik imsemmija fl-att taċ-ċitazzjoni, li għalina hu żbarza j-maggur parti tal-kapitali okkorrenti; liema operazzjoni, del resto, lanqas ma giet eżegwita għal kollox mill-assoċjat l-ieħor Said: billi jirriżulta li in parti ġiet eżegwita anki mill-istess attur, u kwindi anki huwa għandu jagħti kont tal-operat tiegħu. Ma jista' qatt ikun konformi għall-ġustizzja li wieħed li jagħmel diversi operazzjonijiet in assoċjazzjoni ma ieħor jitlob li dak l-ieħor rendikont ta' dak li dan ikun għamel in konnessjoni ma' operazzjoni singola; għaliex forsi jkun jidhirlu li jirriżulta xi bilanċ favur tiegħu, u jinjora l-operazzjonijiet l-oħra li tagħhom ikun hu nnifsu huwa, u li għalihom *forsi* kien l-ieħor li ħareġ il-kapitali okkorrenti; u *jkun dana* li jista' jirriżulta kreditur;

Għall-motivi premessi:

Tirrespinġi l-istanza, bl-ispejjeż; salva favur l-attur kull azzjoni oħra "si et quatenus".

---